**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Marzu 2025**

**Rikors Ġuramentat numru: 10/2025 BS**

**Aurel Murataj u Evgjeni Sota**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi[1] illi premettew;**

*Illi nhar it-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) twieldet ġewwa ir-Rabat, Għawdex, Malta, Iva Murataj Sota u dana hekk kif*

[1] Rik. Ġur. a fol 1 u 2. Traduzzjoni tar-rik. ġur. fil-lingwa Ngliża a fol 3 u 4, b'dokument anness a fol 5.

*evidenti mill-att tat-twelid bin-numru ta' iskrizzjoni mitejn u ħmistax sbarra elfejn tnejn u għoxrin (215/2022), liema att tat-twelid qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dokument A;*

*Illi l-atturi huma l-ġenituri tal-minuri Iva Murataj Sota.*

*Illi minn dan id-dokument hemm żball fuq iċ-ċertifikat tat-twelid stante li l-kunjom korrett kellu jkun Murataj u mhux Murataj Sota.*

*Illi l-intenzjoni tal-atturi kienet dejjem li l-kunjom l-minuri Iva ikun Murataj u mhux Murataj Sota.*

*Illi dina l-proċedura qiegħda ssir ai termini tal-Artikoli 253 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

**Talbu għalhekk lill din il-Qorti:**

1. *Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid bin-numru ta' iskrizzjoni mitejn u ħmistax sbarra elfejn tnejn u għoxrin (215/2022) billi taħt il-kolonna 'Isem u Kunjom', l-isem u kunjom jiġi jaqra 'Murataj' u ma jibqax jaqra 'Murataj Sota'.*

2. *Tordna l-istess korrezzjoni għandha ssir mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dana ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa int nġunt.*

**Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex[2] illi eċċepixxa:**

1. *Illi in limine litis huwa meħtieġ li b'ordni tal-Qorti ta' lanqas ħmistax il-ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

---

[2] Risposta ġuramentata a fol 14.

2. *Illi l-esponenti mhux qiegħed jopponi għat-talba tar-rikorrenti u għalhekk qiegħed jirrimetti ruħu għas-salv ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti li ġew dikjarati fir-rikors u fid-dokumenti hemm mehmuża;*

4. *Illi l-esponenti m'għandux ibati l-ispejjeż tal-istanti, peress li t-talba tar-rikorrenti mhiex attriwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir da parti tiegħu;*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

*Bl-ispejjez.*

**Fliet l-atti.**

**Rat** iċ-ċertifikat tat-twelid numru mitejn u ħmistax sbarra elfejn tnejn u għoxrin (215/2022) li rreġistra t-twelid tat-tarbija li twieldet fit-tnax (12) ta' Settembru, 2022 lill-partijiet *ivi* atturi bħala "Iva Murataj Sota";[3]

**Rat** l-avviż tal-ħdax (11) ta' Frar, 2025 li sejjaħ lil min kellu xi oppożizzjoni għat-talba tal-atturi sabiex permezz ta' nota jersaq u jagħmel l-istess oppożizzjoni fi żmien ħmistax (15)-il jum;[4]

**Rat** li fl-udjenza tal-5 ta' Marzu, 2025, in vista tal-pubblikazzjoni tal-avviż opportun fil-Gazzetta tal-Gvern, id-Direttur konvenut irtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu.[5]

**Rat** li fl-istess udjenza tal-5 ta' Marzu, 2025 il-kawża ġiet iddifferita għal-lum għas-sentenza.[6]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

[3] Ċertifikat tat-twelid a fol 5.
[4] Abbozz tal-Avviż a fol 7. Avviż kif ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern a fol 15.
[5] Verbal a fol 20.
[6] Verbal a fol 20.

**B. Provi:**

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Aurel Murataj**, attur, xehed permezz ta' affidavit.[7]

Jiddikjara li hu u l-attriċi Evgjeni Sota ilhom f'relazzjoni għal-tlett (3) snin. Iżid li binthom Iva twieldet fit-tnax (12) ta' Settembru, 2022.

Jgħid li lill-binthom Iva dejjem riedu jagħtuha kunjomu, "Murataj" iżda għal xi raġuni fiċ-ċertifikat tat-twelid ġiet reġistrata bil-kunjom "Murataj Sota".

Jgħid li hija x-xewqa tagħhom bħala ġenituri ta' binthom li binthom ikollha l-kunjom "Murataj" biss.

Jgħid li jista jagħti l-każ li meta marru sabiex jirreġistraw it-twelid ta' binthom ma' ftiehmux sew stante li l-Ingliż tagħhom huwa bagħtut.

**Evgjeni Sota**, attriċi, xehdet permezz ta' affidavit.[8]

Tiddikjara li hi u l-attur Aurel Murataj ilhom f'relazzjoni għal-tlett (3) snin. Iżżid li binthom Iva twieldet fit-tnax (12) ta' Settembru, 2022.

Tgħid li lill-binthom Iva dejjem riedu jagħtuha kunjom żewġha, "Murataj" iżda għal xi raġuni fiċ-ċertifikat tat-twelid ġiet reġistrata bil-kunjom "Murataj Sota".

Tgħid li hija x-xewqa tagħhom bħala ġenituri ta' binthom li binthom ikollha l-kunjom "Murataj" biss.

[7] Affidavit a fol 18 eżebit bill-lingwa Ngliża, Traduzzjoni tal-partijiet rilevanti minn din il-Qorti.
[8] Affidavit a fol 19 eżebit bill-lingwa Ngliża, Traduzzjoni tal-partijiet rilevanti minn din il-Qorti.

Tgħid li jista jagħti l-każ li meta marru sabiex jirreġistraw it-twelid ta' binthom ma' ftiehmux sew stante li l-Ingliż tagħhom huwa bagħtut.

## C. Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża ġiet intavolata fuq l-istanza tal-atturi a tenur tal-Artikoli 253 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Liġijiet ta' Malta.

Tali artikoli jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet ta' ismijiet fl-atti tal-istat ċivili.

Illi l-pubblikazzjoni ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta saret debitament fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar, 2025 kif jirriżulta mill-kopja tal-paġna relattiva tal-Gazzetta tal-Gvern,[9] tant li fl-udjenza tal-5 ta' Marzu, 2025, id-Direttur konvenut irtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu.[10]

Illi fil-mertu l-atturi għandhom jipprovaw għas-sodisfazzjon tal-Qorti li lill-binthom illum ta' 'l fuq minn sentejn, il-minuri bl-isem Iva, dejjem riedu jagħtuha biss kunjom missierha ossia "Murataj" mhux ukoll kunjom ommha, ossia "Sota".

Għal dan il-għan, l-atturi lkoll rrilaxxaw affidavit tagħhom fejn ikkonfermaw bil-ġurament li huma dejjem hekk riedu jagħmlu u jekk xejn, l-iżball fir-reġistrazzjoni probabilment sar b'riżultat tal-limitazzjonijiet tagħhom f'li jitħaddtu bil-lingwa Ngliża.

Illi fid-dawl ta' dawn l-affidavits, din il-Qorti hija tal-fehma li l-atturi rnexxilhom jipprovaw li lill-binthom riedu biss jassenjawlha kunjom missierha "Murataj" mhux ukoll kunjom ommha "Sota". Fin-nuqqas ta' kwalunkwe' oppożizzjoni għal dan, it-talba tagħhom hija għalhekk ġustifikata kif trid il-Liġi.

---

[9] Kopja a fol 15.
[10] Verbal a fol 20.

Din il-Qorti taqbel iżda mad-Direttur konvenut fejn dan eċċepixxa li f'kull każ ma' għandu jbagħti ebda spejjeż dwar dawn il-proċeduri stante li t-talba tal-atturi m'hijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tiegħu.

Finalment, il-Qorti tosserva li t-tieni talba tal-atturi saret ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kap. 16, Liġijiet ta' Malta, li jrid kif isegwi:

> **256.** *(1) Kull korrezzjoni, tħassir jew reġistrazzjoni ordnata ssir mid-Direttur fi żmien għaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tgħaddi f'ġudikat u għandha ssir bis-saħħa ta' kopja vera tas-sentenza li tingħata lilu mir-Reġistratur.*
>
> *(2) Riferenza għal dik is-sentenza għandha ssir b'annotazzjoni fil-ġenb tar-reġistru.*

Din il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex tiddeċiedi din l-istanza fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn aktar 'il fuq magħmulha kif ukoll tal-proviżżjonijiet tal-Artikolu 256 suċċitat.

**Deċide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt illi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tad-Direttur konvenut konformement ma' dak hawn deċiż:

i. Tilqa' l-ewwel (1) talba attriċi u tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid bin-numru ta' iskrizzjoni mitejn u ħmistax sbarra elfejn tnejn u għoxrin (215/2022) billi taħt il-kolonna *"Isem u Kunjom il-Wild"*, l-isem u kunjom jiġi jaqra *"Iva Murataj"* u ma jibqax jaqra *"Iva Murataj Sota"*;

ii. Tilqa' t-tieni (2) talba attriċi u tordna li l-istess korrezzjoni għandha ssir mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u allura; fi żmien għaxart (10) ijiem minn dak in-nhar li din id-deċiżjoni tgħaddi *in ġudikat*

b'riferenza għal din id-deċiżjoni mnissla b'annotazzjoni fil-ġenb tar-reġistru.

Tordna għalhekk li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi nnotifikat b'kopja ta' din id-deċiżjoni.

L-ispejjeż jitħallsu mill-atturi.

(ft.) Dr Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco

D/Reġistratur

Vera kopja

D/Reġistratur